22001D0160

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 160/2001

tat-18 ta' Jannar 2002

li temenda l-Anness I XIX (Protezzjoni tal-Konsumatur) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jemenda l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I XIX tal-Ftehim ġie emendat bid-De¬iżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2000 tat-28 ta' Jannar 2000 ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE ta' l-4 ta' April 2001 dwar il-prinċipji tal-korpi ta' barra l-qrati involuti fir-resoluzzjoni tal-konsensus dwar kwistjonijiet tal-konsumatur ([2]) għandu jiddaħħal f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt numru 18 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE) ta' l-Anness I XIX tal-Ftehim:

"19. **32001 H 0310**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE ta' l-4 ta' April 2001 dwar il-prinċipji tal-korpi ta' barra l-qrati involuti fir-resoluzzjoni tal-konsensus dwar kwistjonijiet tal-konsumatur (ĠU L 109, tad-19.4.2001, p. 56)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2001/41/KE fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fil-qasam Supplimentari tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Jannar 2002, jekk in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 103, tat-12.4.2001, p. 26.
([2]) ĠU L 109, tad-19.4.2001, p. 56.
(*) L-ebda ħtiġijiet konstituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima taż-ŻEE ta', u fil-parti Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Jannar 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND